# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Ġunju, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 100/11/1 MCH**

**Maria Concetta *sive* Mari Shires**

**v.**

**Joseph Bonello, u b'digriet tat-28 ta' Ġunju 2016 l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem Antoinette Bonello armla ta' Joseph Bonello bħala eredi universali tal-konvenut Joseph Bonello li miet fil-mori tal-kawża; Vincent Bonello u Antoinette Bonello**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma appell ewlieni mressaq mill-konvenuti Bonello flimkien ma' appell inċidentali mressaq mill-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ottubru, 2017 (aktar 'il quddiem imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra,

dik il-Qorti llikwidat il-leġittima (sehem riżervat) dovuta lilha mill-wirt ta' missierha Edgar Bonello u kif ukoll sehemha mill-wirt ta' ommha Giovanna Bonello billi tatha li tieħu l-fond tlieta u ħamsin (53) fi Triq l-Oratorju f'Bormla, u wkoll is-somma ta' ħamsin elf, mitejn u tmienja u disgħin ewro, u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€50,298.54) mingħand il-konvenuti f'sehem indaqs bejniethom, billi l-imsemmija assenjazzjoni tal-fond kellha ssir fi żmien xahrejn minn dakinhar tas-sentenza b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Timothy Ellis, maħtur għal dak il-għan, u billi ħatret lill-Avukat Jonathan Thompson ħalli jidher fuq l-imsemmi att għal dawk li jonqsu li jersqu għall-pubblikazzjoni tiegħu. Ordnat ukoll li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti f'ishma ndaqs bejniethom;

2. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "***Ikkunsidrat**:*
>
> *F'din il-kawza l-attrici qed taghmel zewg talbiet distinti, wahda biex tigi stabbilita l-legittima spettanti lilha mill-wirt ta' missierha Edgar Bonello li miet fil-15 ta' Lulju 1984 u t-tieni sabiex jigi stabbilit is-sehem taghha mill-wirt ta' ommha Giovanna Bonello li mietet fil-21 ta' Frar 2002.*
>
> *Il-kawza infethet fl-2011. Hu indubitat li ghar-rigward iz-zewg talbiet distinti wahda ghal legittima mill-wirt ta' missier l-attrici u wahda ghal sehemha mill-wirt ta' ommha, tapplika l-ligi kif kienet fil-mument tal-ftuh tas-successjoni cioe qabel l-emendi fil-ligi tas-successjoni li dahlu fis-sehh fl-2004 u 2005 rispettivament.*
>
> *Mill-fatti li fuqhom ma hemmx disputa jirrizulta illi l-konjugi Bonello kellhom tlett ulied cioe l-attrici u l –konvenuti Joseph Bonello u Vincent Bonello. Fil-mori tal-kawza miet Joseph Bonello u wirtitu martu Antoinette Bonello wkoll konvenuta fil-kawza.*
>
> ***Eccezzjoni ta' Antoinette Bonello li mhix legittima kontraditrici***

*Din l-eccezzjoni kient tkun utili li tigi kunsidrata sakemm ma giex nieqes zewgha fit18 ta' Dicembru 2015 u irrizulta li hi l-eredi ta' Joseph Bonello. Billi l-eredi jidhol fiz-zarbun tal-mejjet kemm ghad-drittijiet u obbligi, attiv u passiv tal-wirt, allura Antoinette Bonello llum hi legittima kontraditrici f'dawn il-proceduri flok zewgha Joseph Bonello u l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

***Legittima spettanti lil attrici mill-wirt ta' missierha***

*Il-partijiet jaqblu illi sehem l-attrici qua legittima mill-wirt ta' missierha hu ta' wiehed minn disgha mill-assi tal-mejjet Edgar Bonello (1/3 tal-assi x 3 itfal), u dan wara li bit testament tal-konjugi Bonello tas-6 ta' Mejju 1983 (fol. 9 et seq. tal-process) huma iddezeritaw lil binthom l-attrici.*

*In tema legali fil-kawza* ***Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux*** *(PA 05/05/2011), il-Qorti qalet hekk:*

> *"Il-ligi kienet tqis is-sehem rizervat bhala parti mill-gid tal-mejjet (quota bonorum) u mhux bhala sehem mill-wirt tieghu (hereditatis portio) u ghalhekk il-legittimarju ma kienx sempliei kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-sehem tal-legittima li l-legittimarju jkollu jedd jireievi). Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt (Debono vs Licari et (PA 16/12/1954 Kollez. Vol. XXXVIII.ii.620). Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar (jew accetta li jkun) werriet, u ghandu l-jedd jistenna li l-gid li minnu jinghata s-sehem rizervat tieghu ikun ghadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius (Farrugia noe et vs Mintoff noe et (App 10/06/1949 Kollez. Vol. XXXIII.i.472);*
>
> *Illi jsegwi li idejalment il-legittima trid tinghata in natura (Wismayer et vs Wismayer et (PA 22/05/1950 Kollez. Vol. XXXIV.ii.574), jigifieri tkun maghmula minn fost il-hwejjeg mill-gid tal-mejjet li jew jkunu ghadhom jaghmlu parti mill-assi tieghu mal-mewt, jew ikunu ddahhlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu iddispona b'liberalita minn izjed minn dak li taghtih il-ligi. Is-sehem rizervat jinhadem fuq il-wirt kollu (maghdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb ta' z-zwieg (art. 620(3) tal-Kap. 16), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral (art. 620(2) tal-Kap. 16) u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarju ikun ha minghand it-testatur (art. 620(4) tal-Kap. 16), u tinghata fi proprjeta shiha mehlusa minn kull piz jew kondizzjoni (art. 620(1) tal-Kap. 16). Fuq kollox, is-sehem rizervat jigi mghoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugh tax-xorti (Scicluna et vs Meli et (PA 07/01/1967 Kollez. Vol: LI.ii.696);*
>
> *Illi huwa principju accettat ukoll li s-sehem rizervat inissel il-jedd ghall-imghaxijiet favur min ghandu jedd ghalih. Tali mghax jibda ghaddej minn dak inhar li jinfetah il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-legittimarju u mhux fuq il-gid kollu tal-wirt (Said vs Borg Grech noe et (PA 16/05/1950 Kollez. Vol. XXXIV.ii.568);*

*Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem rizervat huwa gudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-gid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali gid fiz-zmien li nfetah il-wirt u fil-kundizzjoni li tali gid kien dak iz-zmien, u b'mod izjed preciz: "li, ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni". Izda, "jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konverzjoni, cioe z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja" (Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et (App 10/12/1973 mhix pubblikata);*

*Illi tali fehma tibqa' ssehh ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem rizervat ma jkunx gie soddisfatt bla htija tal-parti li ghandha jedd ghalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jithallas fi flus bhala "aestimatio rei" (Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et (App 14/12/1973 mhix pubblikata). Izda, f'dak il-kaz, il-valur ghandu jkun iqarreb il-valur tal-gid fiz-zmien tal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat (Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et, App 28/01/2005). Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-ezercizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ghall-finijiet li jigi stabilit is-sehem rizervat, wiehed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-gid fil-gejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jizdied il-valur tieghu). Dan johrog ukoll mill-fatt li l-jedd ghas-sehem rizervat jitnissel mal-ftuh tas-successjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-grajja fil-qafas taz-zmien li tkun sehhet;*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-principji u minn dak li hareg mill-atti tal-kawza, is-sehem rizervat li minnu jisthoqqilha tiehu l-attrici jrid jinhadem fuq il-valur tal-gid identifikat ta' missierha fil-kundizzjoni li kien jinsab fiha mal-ftuh tal-wirt tieghu;"*

*Mehud in kunsiderazzjoni l-aspett legali ta' din il-parti tal-azzjoni, il-Qorti hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u partikolarment in-noti ta' sottomissjonijiet fejn il-partijiet specifikaw il-pretensjonijiet taghhom a rigward.*

***Assi immobbli***

*L-attrici issostni illi meta miet missierha gie dikjarat fid-denunzja tieghu li l-assi immobbli tieghu kienu dawk imsemmija fid-denunzja b'valur ta' Lm35,087.58 jew €81,732.08. L-attrici issostni li fid-denunzja pero ma giex dikjarat nofs indiviz talqabar fic-cimiterju tal-Addolorata.*

***Assi mobbli***

*1. L-attrici taghmel enfasi fuq id-dikjarazzjoni tas-successjoni ta' missierha ghal dak li jirrigwarda deheb u fidda li l-valur tieghu gie dikjarat bhala Lm113.12. Hi tghid li dan mhux korrett peress illi missierha kien gioellier, u kellhom kwantita ta' deheb u fidda fid-dar taghhom f'San Pawl il-Bahar. Hi ssostni li ghalkemm kienet sehhet serqa, iddeheb u l-fidda kienu fid-dar li kellu missierha f'Birkirkara fl-1982 u fis-serqa ma insteraqx id-deheb u l-fidda. Hi esebiet ukoll polza ta' assikurazzjoni tal-1978 maghmula minn missierha li fiha hemm dikjarat li d-deheb u l-fidda kellu valur ta' Lm5,000 (Dok. MS8).*

*2. L-attrici wkoll tikkontendi illi missierha kellu nuccali tad-deheb li skont ix-xiehda ta' huha Vincent Bonello iddewweb wara mewtu u qal li kien jiswa Lm150. B'hekk l-attrici tikkontendi li sehem missierha fil-wirt irid jizdied b'Lm75 jew €172.50.*

*3. L-attrici tixhed ukoll illi l-ghamara fid-denunzja inghatat valur ta' Lm540 fi-denunzja pero fl-affidavit tieghu, Vincent Bonello jsemmi valur tan-nofs indiviz bhala Lm617.50 u ghalhekk zieda ta' Lm77.5 cioe €178.25 aktar minn dak dikjarat fid-denunzja. Hi esebiet ukoll polza ta' assikurazzjoni tal-1973 fejn missierha iddikjara li kellu ghamara valutata Lm12,000.*

*4. Hl tallega li ghalkemm missierha biegh id-dritt ta' inkwilinat u l-avvjament tan-negozju u tal-manifattura u goijelliera tal-hanut fil-Belt kif ukoll il-makkinarju tal-istess negozju u l-ghodod lil hutha Joseph u Vincent bl-kuntratt tas-7 ta' Frar 1979 dan it-trasferiment ma kienx jinkludi d-deheb. Hi qabdet accountant li stima l-goodwill fil-valur ta' Lm6,412 li ghandu jizdied mal-assi tal-mejjet missierha; izzid ukoll li missierha kellu kwantita ta' fishbones li jintuzaw fil-manifattura tad-deheb li ma jiffurmawx parti mill-ghodod billi l-iskrittura tal-avvjament kien qed jirreferi ghal fond fil-Belt mentri l-fishbones kienu jinzammu fi bnadi ohra. Huha Vincent jixhed li kien hemm erbghin kaxxa bil-valur ta' Lm8 il-wahda pero l-attrici issostni li huha stess jixhed li l-garage ta' Bkara kien mimli bil-kaxex. Anki jekk tigi accettata l-verzjoni tal-konvenut l-assi ta' Edgar Bonello kellu jizdied b'Lm160 cioe €368.*

*5. L-attrici issemmi ukoll makna Perkins li Vincent Bonello xehed li bieghha wara l-mewt ta' missieru ghal Lm400. Kwindi sehem missierha kien ta' Lm200 jew €460.*

*In kwantu ghal dak li missierha semma fit-testment rigward donazzjonijiet u self maghmula lilha tghid li missierha ma tahiex is-somma ta' Lm3,000 ossia €6,900. Dak li kien jigri hu li missierha kien ibiegh xi deheb lid-ditti l-Ingilterra u billi l-attrici ghamlet zmien tghix l-Ingilterra l-flus gew depozitati f'kont f'isimha li pero kien hadhom meta zar l-Ingilterra. In kwantu ghad-debitu ta' Lm7,000 ossia €16,100 hi qalet li missierha fethilha kawza fuq allegat debitu ta' Lm5,000 ossia €11,500 li kien tilef peress li kienet hallsitu. Mhux hekk biss izda meta*

*kriet post minghand missierha f'Bkara biex tifthu hanut hallset Lm1,805 ossia €4,151 lil missierha ghal fittings u safe li kien hemm.*

*Jidher li bhala talba ghal legittima dovuta lil attrici, l-istess attrici qed tiehu bhala bazi d-denunzja li saret minn mart Edgar Bonello dwar l-attiv mobbli u immobbli ta' zewgha liema assi jammontaw ghal Lm35,087.58 ossia €81,732.08.*

*Id-divergenzi promossi mill-attrici ghal din ic-cifra jinsabu elenkati aktar il-fuq f'din issentenza u ser jigu kunsidrati wahda wahda.*

*1. Il-partijiet jaqblu li n-nofs indiviz tal-qabar mhux imsemmi fid-denunzja, pero b'nota fl-atti qablu li l-valur fil-mewt tal-missier kien ta' €2,500.*

*2. Deheb u fidda. Il-kontestazzjoni tinsab fil-fatt li filwaqt li l-attrici issostni li missierha kellu hafna deheb u fidda din kienet ghadha fid-dar ta' Bkara meta sehhet is-serqa mid-dar ta' San Pawl il-Bahar. Din il-prova li tinkombi lil attrici ma tirrizultax mill-atti. Hu minnu illi fl-1975 missierha iddikjara lil-valur ta' Lm5,000 f'polza ta' assikurazzjoni pero hu minnu wkoll illi qabel is-serqa, l-attrici ma kinitx f'kuntatt amikevoli mal-genituri taghha ghalkemm esebiet ritratti mal-affidavit dwar ambjenti tad-dar tal-familja. Kontra din il-prova, il-konvenuti gabu prova li meta saret serqa mid-dar tal-genituri f'San Pawl il-Bahar insterqu madwar Lm60,000 f'deheb, fidda u flus kontanti (ara dokumenti AL1, Y u AL3) li huma estratt mill-inkjesta magisterjali u lista dettaljata tal-affarijiet ta' Edgar Bonello iddikjara lil pulizija li kienu insterqu mid-dar ta' San Pawl il-Bahar. Din il-Qorti tqis ghalhekk il-pretensjoni tal-attrici mhix pruvata.*

*3. In kwantu ghan-nuccali tad-deheb il-konvenut Vincent Bonello jaqbel illi mill-assi tal-missier kien hemm il-valur tad-deheb tan-nuccali ta' missieru valutat Lm75 cioe €172.50.*

*4. In kwantu ghall-ghamara u bla provi iktar cari dwar valur ta' ghamara l-Qorti ser toqghod fuq ix-xiehda ta' Vincent Bonello rigward il-valur cioe Lm617.50 li hu Lm77.50 cioe €178.25 aktar minn dak dikjarat fid-denunzja. Hu minnu illi l-attrici tghid li l-polza tal-assikurazzjoni li kellu missierha iddikjara li fl-1973 l-ghamara kienet valutata Lm12,000 pero ma hemmx prova ta' fhiex kienet tikkonsisti din l-ghamara u jirrizulta mill-process verbal ta' serqa illi Edgar Bonello ma kellux polza ta' assikurazzjoni fl-1982.*

*5. In kwantu ghall-istimi ta' avvjament maghmula ex parte mill-attrici, tan-negozju li Edgar Bonello biegh lil hutha fl-1979, din il-Qorti tqis illi din l-istima hi irrelevanti ghaliex l-avvjament gie trasferit lil konvenuti b'titolu oneruz mhux gratuitu u dan il-ftehim ma giex attakkat. L-attrici izzid ukoll li l-bejgh ma kienx jinkludi l-istock tad-deheb fil-hanut izda biss l-avvjament u l-kirja. Ma hemmx prova dwar il-konsistenza tal-allegat deheb fil-hanut pero fi kwalunkwe kaz il-*

*Qorti tqis illi Vincent Bonello xehed li missieru kien jahdem b'deheb ta' terzi mhux tieghu u d-deheb li kien ikun fil-hanut kien ikun gia mibjugh. Id-deheb u fidda li missieru kellu fil-mewt gie dikjarat fid-denunzja. Dwar dan l-attrici ma ressqitx provi kuntrarji u ghalhekk il-pretensjoni taghha mhix pruvata. Tallega wkoll li missierha kellu 'fishbones' li jintuza fil-manifattura tad-deheb. Hi tallega illi dan l-istock ma kienx parti mill-bejgh peress illi kien jinsab f'lok iehor mhux fil-hanut tal-Belt. Il-Qorti tqis li l-ftehim tal-bejgh, kif tammetti l-istess attrici, kien jinkludi l-makkinarju u l-ghodod. Il-fishbones la hu makkinarju u lanqas ghodda izda stock li jintuza ghall manifattura tad-deheb. Il-Qorti taqbel li dan l-istock ma kienx jifforma parti mill-ftehim ta' bejgh pero fl-istess waqt il-prova tal-ammont u valur li ressqu l-konvenuti fl-ammont ta' Lm320 ghall-intier cioe Lm160 ghal sehem il-missier ma giex kontradett mill-istess attrici oltre li tallega li missierha kellu garage mimli b'kaxex ta' fishbones. Ghalhekk fil-komputazzjoni tal-assi ta' Edgar Bonello ghandu jizdied il-valur ta' Lm160 cioe €368.*

*6. Il-Qorti issib li ingiebet prova li l-makna Perkins ma gietx dikjarata bhala parti mill-assi ta' Edgar Bonello fejn il-konvenuti jaqblu li sehem missierhom kien ta' Lm200 cioe €460.*

*Kwindi l-Qorti tikkonkludi illi l-assi ta' Edgar Bonello jammontaw ghall €81,732.08 kif dikjarat fid-denunzja tieghu, oltre €2,500 valur tan-nofs indiviz tal-qabar; €172.50 valur tad-deheb tan-nuccali; €178.25 zieda fil-valur tal-ghamara; €368 ghal kaxex talfishbones; u €460 valur tal-makna Perkins b'kollox €85,410.75.*

*Ghalkemm fit-testment taghhom il-konjugi Bonello jiddikjaraw illi taw donazzjoni lil attrici ta' Lm3,000 u silfuha Lm7,000, l-attrici cahdet li qatt inghatat donazzjoni u illi lflus li kienet tigbor f'kont f'isimha l-Ingilterra gew mghoddija lil missierha meta mar l-Ingilterra u li in oltre hi ma isselfet ebda flus tant li missierha ghamlilha kawza u tilifha. Il-konvenuti jirribattu din ix-xiehda bi provi li juru mod iehor u cioe illi kemm nofs is-somma ta' Lm3,000 moghtija b'donazzjoni kif ukoll nofs is-somma ta' Lm4,000 moghtija b'dota lil attrici gew denunzjati minn omm il-kontendenti fid-denunzja ta' Edgar Bonello. Jammettu biss li ma ngibux provi dwar is-self ghax il-missier miet fil-mori tal-kawza li ghamel lil bintu. Il-Qorti tara li l-attrici ma gabitx prova konvincenti dwar dak li xehdet fuq is-somma ta' Lm3,000 moghtija lilha b'donazzjoni u anqas dwar id-dota mghoddija. Hi tixhed li dawn kienu flus imgemmghin minnha u esebiet Dok. MS14 li hu kont bankarju Ingliz li pero ma jurix il-provenjenza tal-ammonti hemm indikati u del resto ma hemm ebda somma li tekwivali Lm3,000 ghax il-kont hu fl-isterlini. Ghalhekk mis-sehem tal-legittima l-Qorti tqis li l-attrici ghandha tnaqqas nofs is-somom ta' Lm4,000 u Lm3,000 ricevuti minnha cioe Lm3,500 cioe €8,050. Jibqa' li jitnaqqas mill-valur li fuqu trid tinhadem il-legittima d-dejn u l-ispejjez tal-ahhar funeral. Ma ingiebet ebda prova ta' djun. Skont Vincent Bonello l-funeral sewa Lm290 cioe €667 u dan jidher*

*mill-istess denunzja. Il-hlas tat-taxxa tad-denunzja ma hux dejn tal-mejjet izda dejn tal-eredi li wirtu lil missierhom.*

*Ghalhekk il-valur tal-assi ta' Edgar Bonello hu €85,410.75 li minnu irid jitnaqqas il-valur tal-funeral ta' €667 li jhalli valur nett ta' €84,743.75 diviz b'wiehed minn disgha cioe €9,415.97 li mieghu irid jizdied l-imghax ta' 8% mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza cioe mill-4 ta' Frar 2011 ammontanti ghal €4,979.83 (€9,415.97 x 8% x 2413 jum) b'kollox €14,395.80 u dan peress l-artikolu 615 tal-Kap. 16 jistipula li l-imghax jiddekorri mid-data tal-ftuh tas-successjoni kemm-il darba t-talba ghal hlas tal-legittima issir fi zmien sentejn mill-mewt jew mid-data tan-notifika ta' att gudizjarju ghal hlas taghha. L-attrici ma gabitx prova ta' talba ghal hlas tal-legittima qabel il-prezentata tal-kawza u fil-fatt fir-rikors guramentat promotur titlob l-imghax mid-data tal-kawza. Billi l-attrici gia ippercepiet is-somma ta' €8,050 mis-sehem dovut lilha bhala legittima, jibqghala tiehu s-somma ta' €6,345.80 bhala sehemha mill-legittima ta' missierha Edgar Bonello. Il-Qorti ser tikkonsidra l-mod kif ghandha tigi percepita l-legittima meta tikkonsidra x'inhu sehem l-attrici mill-wirt ta' ommha.*

***Sehem l-attrici mill-wirt ta' ommha Giovanna Bonello li mietet fil-21 ta' Frar 2002***

*Il-partijiet jaqblu illi sehem l-attrici mill-wirt ta' ommha hu ta' hamsa minn disgha (5/9) skont testment sigriet tan-Nutar Felice tal-11 ta' Settembru 2001 (fol. 21 tal-process). L-attrici ma irrinunzjatx ghal tali wirt u talbet il-legittima minflok.*

***Assi immobbli***

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici telenka x'kien hemm assi immobbli fil-mument tal-mewt ta' ommha li jirrizulta mid-denunzjaipprezentata mill-konvenuti Dok. VBX9. Dawn kienu (1) nofs indiviz tad-dirett dominju u cens relattiv tal-garage 115 Upper Conversion Street, San Pawl il-Bahar, (2) nofs indiviz tad-dirett dominju u cens relattiv tal-garage 'Twins' Akkwadott Street, Bkara, (3) nofs indiviz tal-qabar fic-cimiteru tal-Addolorata. Ic-cnus gew valutati fid-denunzja fis-somma ta' Lm1,300. Il-konvenut Vincent Bonello xehed illi c-cnus gew mifdija u n-nofs sehem ta' ommhom sarraf fl-ammont ta' €1,036.62. Jaqbel li l-attrici ghandha wkoll 5/9 tan-nofs indiviz tal-qabar valutat €3,000 skont nota prezentata mill-partijiet.*

***Assi mobbli***

*L-attrici issostni li dak li issemma fl-inventarju li ghamlet mal-kawza kienu parti mill-patrimonju ta' ommha. Il-Qorti gia esprimiet il-fehma taghha fuq id-deheb u fidda u in kwantu oggetti mobbli ohra tirreferi ghax-xiehda tal-ahwa Bonello, konvenuti fil-kawza fejn iddikjaraw li mobbli ma kien fadal xejn u huma hadu xi affarijiet zghar li l-valur taghhom kien minimu. Il-Qorti ma ghandhiex prova kuntrarja dwar dawn*

*il-valuri ta' dawn il-mobbli u ghalhekk ma hux ser tqisha fil-komputazzjoni. In kwantu pero ghall-kontijiet bankarji li kien hemm fil-BOV fuq isem Giovanna Bonello jirrizulta illi Giovanna Bonello ghamlet prokura generali lil uliedha subien. Kienet ilha f'home mis-sena 2000 u thallas Lm180 fix-xahar. Giovanna Bonello kellha pensjoni. Il-konvenuti ma gabu ebda prova ta' infieq. Dak li pero irrizulta hu illi sitt xhur qabel il-mewt ta' ommhom, zbankaw il-flus li kellha ommhom fil-BOV, li jidher li kien l-uniku bank li fiha kellha flus depozitati u qasmu l-flus bejniethom. Huma jsostnu li din kienet donazzjoni ta' ommhom bil-kundizzjoni li jiehdu hsiebha. Anki jekk ma kienx hemm obbligu ta' kollazzjoni, tali donazzjoni ma tiswiex billi tali somma kienet tikkonsisti fl-assi kwazi kollha ta' Giovanna Bonello u billi ghalhekk ma kinitx donazzjoni zghira komparata mall-assi li kellha, kien jehtieg li issir b'att pubbliku skont artikolu 1753 tal-Kap. 16 li ma saritx.*

*Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-konvenuti huma obbligati jpoggu s-somma rekavata mill-bank ta' Lm22,108.12 cioe €50,848.67 (ara Dok RA1, RA2 u RA3 li juru s-somom migbuda mill-bank) lura fil-wirt u l-attrici tippercepixxi 5/9 minnhom.*

*Dan jidher li hu dak li qed tippretendi. Ghalhekk l-attrici ghandha dritt ghas-segwenti mill-wirt ta' ommha cioe*

*1. 5/9 tal-fid tac-cnus ammontanti ghal €575.90*

*2. 5/9 nofs il-qabar valutat €3,000 ghal €1,666.66*

*3. 5/9 tal-flus fil-BOV ammontanti ghal €28,249.26, b'kollox €30,491.82.*

*L-attrici ma gabet ebda prova ta' assi mobbli ohra u nonostante allegazzjonijiet li saru minnha, michuda minn hutha, ma resqet ebda prova dwar mobbli ohra ezistenti fil-wirt ta' ommha meta mietet.*

*Fuq din is-somma ghandu jizdied l-imghax ta' 8% mid-data tal-prezentata tal-kawza cioe 4 ta' Frar 2011 kif talbet l-istess attrici ammontanti ghal €16,126.41 (€16,124.41 x 8% x 2413 jum) b'kollox €46,618.23.*

*In tema legali, kif intqal fil-kawza Saviour Gatt et vs Edgar Scicluna et (PA 28/05/2003):*

> *"Tajjeb ukoll illi f'materja ta' divizjoni jinzammu dejjem in mira dawn il-principji, jigifieri:*
>
> *(I) li mill-qasma titnissel ripartizzjoni ugwali (Vol. XLVI P I p 355);*
>
> *(II) li fejn jezisti l-mezz possibbli tad-divizjoni, il-licitazzjoni ghandha tigi evitata (Vol. XI p 305);*

*(III) li ghalkemm per regola d-divizjoni ghandha ssir bix-xorti b'danakollu meta s-sortegg mhux konsentit, dato c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghandha tigi preferuta d-divizjoni "per assegnazione" (Vol. XLI P I p 257);*

*(IV) li f'divizjoni hu dejjem desiderabbli li l-ekwiparazzjoni ma tkunx oneruza (Vol. XLV P I p 98);"*

*Il-Qorti qieset dak dovut lil attrici qua legittima mill-wirt ta' missierha u sehemha mill-wirt ta' ommha b'kollox jammonta ghal €52,964. Il-partijiet jidher li ma ghandhomx oggezzjoni li l-attrici tiehu bhala parti minn sehemha l-fond 53 Oratory Street, Cospicua valutat fid-denunzja ta' missierha Lm1,140 cioe €2,655,49. Il-Qorti ma taqbilx pero li ghandha jkollha jedd ghal sehem mill-fond 61 Islets Promendate, Bugibba jew il-piena proprjeta tal-fond 36 Naxxar Road, Bkara kif talbet hi u dan peress illi s-sehem tal-omm mill-fondi gew donati lil konvenuti u gew dikjarati bhala donazzjonijiet validi mill-Qorti b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Gunju 2009 (citaz. 1431/2001). Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ma ghandhiex tispezzetta proprjeta li gia tinsab legalment f'idejn il-konvenuti qua eredi ta' missierhom u bhala donatarji tas-sehem ta' ommhom. Il-Qorti tqis li jkun ekwu li fic-cirkostanzi l-attrici tiehu d-differenza ta' €50,298.54 spettanti lilha fi flus kontanti minghand il-konvenuti.*;"

3. Billi l-konvenuti ħassewhom aggravati b'dik is-sentenza, huma ressqu appell minnha b'rikors tal-appell tat-2 ta' Novembru 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tirriformaha billi tirrevokaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni li Antoinette Bonello qalet li ma kinitx il-kontradittriċi leġittima, u minflok, tilqa' dik l-eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellata, u billi tħassarha fejn ikkundannathom iħallsu l-ispejjeż tal-kawża f'ishma ndaqs bejniethom billi minflok tiddikjara li, għal dak li għandu x'jaqsam mal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat mill-wirt tal-missier, l-istess appellata jmissha wkoll tħallas is-sehem tagħha minn dawk l-ispejjeż; u sa fejn għandu x'jaqsam mal-likwidazzjoni tal-wirt tal-omm, l-istess appellata taqsam magħhom l-ispejjeż tal-kawża skont sehemha minn dak il-wirt;

4. Fir-risposta tal-appell imressqa minnha fit-28 ta’ Novembru, 2017, l-attriċi appellata laqgħet għall-appell tal-konvenuti billi qalet li l-aggravji li qajmu kienu fiergħa u din il-Qorti jmissha tiċħadhom;

5. L-attriċi nqdiet bl-imsemmija risposta biex tressaq appell inċidentali, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tillikwida somma differenti u ogħla minn dik likwidata mill-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

6. Waqt is-smigħ tat-23 ta’ Ġunju, 2022[1], tressqet nota ta’ astensjoni minn wieħed mill-imħallfin li quddiemu tressaq l-appell, u b’surroga maħruġa dakinhar stess il-Qorti ġiet kostitwita kif issa komposta;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-10 ta’ Novembru, 2022[2], f’liema smigħ l-avukati tal-partijiet iddikjaraw ukoll li s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti bħala sehem riżervat kienet tħallset lill-attriċi fl-20 ta’ Diċembru, 2017, bla ħsara għall-appell, imma l-att nutarili dwar l-assenjazzjoni tal-fond fi Triq l-Oratorju baqa’ ma kienx pubblikat;

[1] Paġ. 558 tal-proċess.
[2] Paġ. 560 tal-proċess.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

9. Fl-appell tagħhom, l-intimati jqajmu **żewġ aggravji**: l-ewwel wieħed dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet l-eċċezzjoni li Antoinette Bonello ma kinitx kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi; u t-tieni wieħed dwar kif l-Ewwel Qorti għabbiethom bil-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-kawża. Min-naħa tal-attriċi, fl-appell inċidentali tagħha, l-**aggravju waħdieni** joħroġ mill-kalkolu ta' wħud mill-ammonti ta' assi tal-wirt li l-Ewwel Qorti qablet li kellhom jintgħaddu, u li fl-aħħar mill-aħħar ħalliethom barra mill-ammont likwidat;

10. Fl-**ewwel aggravju** tal-appell ewlieni, l-intimati jgħidu li jidher ċar li ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni preliminari kienet frott ta' żball imwettaq mill-Ewwel Qorti dwar l-identità tal-eċċipjenti u li wasslitha biex twarrab dik l-eċċezzjoni meta messha laqgħetha. L-appellanti jiċċaraw li l-"Antoinette Bonello" li qajmet l-eċċezzjoni tal-*locus standi* tagħha kienet l-intimata mart l-intimat Vincent Bonello, u mhux l-"Antoinette Bonello" li assumiet l-atti tal-kawża bħala l-armla tal-intimat Joseph Bonello, li miet hi u miexja l-kawża. Iżidu jgħidu li fiż-żmien li tqajmet l-eċċezzjoni, Antoinette Bonello waħda kien hemm fil-kawża u hija ma kinitx la werrieta u lanqas leġittimarja tal-ġenituri ta' żewġha, u għalhekk hi ma setgħet twieġeb

għall-ebda waħda mit-talbiet magħmula fl-azzjoni attriċi, u jonqos fiha l-interess ġuridiku għal-leġittimazzjoni passiva fl-istess azzjoni;

11. L-attriċi laqgħet għal dan l-aggravju billi qalet li l-appellanti Antoinette Bonello kienet imħarrka sewwa għaliex ġara li, wara l-mewt ta' Edgar Bonello (missier il-kontendenti), martu u l-intimat Joseph Bonello biegħu sehemhom minn fond (ir-remissa bl-isem ta' "*Lourdes*" fi Triq il-Karmnu, Birkirkara) lill-istess eċċipjenti u lil żewġha l-intimat appellant Vincent Bonello, u b'hekk dak is-sehem ġie jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-miżżewġin Bonello. Iżżid tgħid li, minħabba li dak il-bejgħ kien dwar ġid mill-wirt ta' Edgar Bonello, li dwaru l-attriċi qiegħda titlob il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat, ma kellhiex għażla oħra ħlief li tħarrek ukoll kemm lil ħuha Vincent Bonello u kemm lil martu Antoinette;

12. Il-Qorti tagħraf li r-raġuni li l-Ewwel Qorti tat biex ċaħdet l-eċċezzjoni msemmija kienet imsejsa fuq żball fl-identità ta' min qajjem l-eċċezzjoni. Minn qari ta' dik il-parti tas-sentenza appellata, joħroġ ċar li l-Ewwel Qorti qieset li l-eċċezzjoni kienet tqajmet minn Antoinette Bonello armla tal-intimat Joseph Bonello (li kienet assumiet l-atti tal-kawża mal-mewt tiegħu bis-saħħa tad-digriet tat-28 ta' Ġunju, 2016[3]). L-eċċezzjoni, madankollu, kienet tqajmet l-ewwel darba fit-18 ta' Marzu, 2011[4] meta l-intimat Joseph Bonello kien għadu ħaj u mill-anqas ħames snin qabel ma

[3] L-intimat Joseph Bonello miet fit-18.12.2015 (Dok "AB1", f'paġ. 167B tal-proċess).
[4] Paġ. 34 tal-proċess.

l-ġudizzju kien trasfuż f'martu Antoinette Bonello. Għalhekk, ir-raġuni mogħtija mill-Ewwel Qorti dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari ma ndirizzatx iċ-ċirkostanzi li għaliha kienet tqajmet, u sa hawnhekk, l-aggravju tal-appellanti kien ikun mistħoqq;

13. Madankollu, din il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni xorta waħda ma kienx jistħoqqilha tintlaqa', ukoll meta wieħed iqis il-persuna t-tajba li f'isimha tqajmet. It-tifsira li tagħti l-attriċi appellata dwar ir-raġuni għaliex kellha tħarrek ukoll lil mart ħuha Vincent għandha s-siwi tagħha f'dan ir-rigward. Mill-atti tal-kawża[5] joħroġ li, bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tat-8 ta' Lulju, 1999, fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat, Giovanna Bonello u binha Joseph Bonello biegħu u assenjaw lill-intimati appellanti Vincent u Antoinette Bonello sehemhom mir-remissa bl-isem ta' "*Lourdes*" fi Triq il-Karmnu, Birkirkara. Dak il-bejgħ kien parti mill-mertu ta' kawża li l-attriċi appellata (u wliedha) fetħet kontra ommha u ħutha, u l-istess Antoinette mart Vincent Bonello[6] biex titlob it-tħassir tiegħu (u ta' kuntratt ieħor). It-talba tagħha ma ntlaqgħetx u għalhekk il-kuntratt baqa' ma tħassarx. L-effetti ta' dak il-kuntratt huma li s-sehem trasferit ġie jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti tax-xerrejja miżżewġin Bonello u b'hekk l-intimata Antoinette Bonello kisbet ukoll sehem minn dak il-fond li nofsu kien jagħmel mill-wirt ta' Edgar Bonello, u li fuqu wkoll irid jitqies is-sehem riżervat li l-attriċi

[5] Dok "L", f'paġġ. 499 – 500 tal-proċess.
[6] Ċitazz. 1431/02JA (maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5.4.2006 u mħassra b'sentenza ta' din il-Qorti tad-9.6.2009) (Ara Dokti. "VBX10" u "VBX11" f'paġġ. 321 sa 363 tal-proċess).

appellata qiegħda titlob il-likwidazzjoni tiegħu f'din il-kawża, u b'mod speċifiku fit-tieni talba attriċi;

14. Fil-fehma tal-Qorti, din iċ-ċirkostanza hija biżżejjed biex issejjes il-leġittimazzjoni passiva f'din il-kawża tal-intimata eċċipjenti Antoinette Bonello mart l-intimat Vincent Bonello għaliex l-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat jolqot ukoll dak is-sehem fil-pussess tagħha li jirrigwarda l-biċċa li kienet tagħmel mill-wirt ta' Edgar Bonello, u li Antoinette Bonello kisbet bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt;

15. Għalhekk, l-aggravju ma huwiex mistħoqq, ukoll jekk għal raġuni differenti minn dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

16. Bit-**tieni aggravju** tagħhom l-intimati appellanti jilmentaw mill-mod kif l-Ewwel Qorti għabbiethom bil-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-kawża, minkejja li l-kawża kienet ukoll dwar qasma ta' wirt li l-attriċi appellata ħadet sehemha minnu bis-saħħa tal-istess sentenza. Huma jisħqu li ma kienu bl-ebda mod qegħdin jilmentaw mil-likwidazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, kemm f'dak li jirrigwarda s-sehem riżervat mill-wirt tal-missier u lanqas is-sehem mill-wirt tal-omm. Iżidu jgħidu li t-talba tal-attriċi appellata kienet saħansitra tgħid li sehemha mill-wirt ta' ommha kien ta' ħamest ishma minn disgħa ($^5/_9$) tal-ġid kollu ta' dak il-wirt, u b'dan biss kien ikun xieraq li hija terfa' dak is-sehem mill-ispejjeż tal-kawża

marbuta ma' dak is-sehem. Ikomplu jgħidu li l-Ewwel Qorti lanqas laqgħet it-talbiet attriċi kollha, fosthom dik (it-tielet talba) biex is-sehem riżervat likwidat ikun jgħodd fih ġid *in natura*, u intant l-Ewwel Qorti lanqas f'dan ir-rigward ma dehrilha li kellha tgħabbi lill-attriċi mqar b'sehem mill-ispejjeż tat-talbiet mhux milqugħin. L-appellanti jsejsu dan l-aggravju fuq dak li tgħid il-liġi fl-Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

17. L-attriċi laqgħet għal dan l-aggravju billi qalet li ma hemm l-ebda regola li, f'kawża ta' qasma ta' wirt, l-ispejjeż iridu jinqasmu skont l-ishma tal-werrieta f'dak il-wirt. Iżżid tgħid li, filwaqt li l-appellanti ilhom igawdu l-ġid tal-ġenituri tagħhom għal bosta snin, hi baqgħet sal-lum ma gawdiet xejn u kellha tidħol il-Qorti magħhom biex tingħata dak li jistħoqqilha għaliex tul iż-żmien kollu li kienet ilha titlobhom jillikwidaw sehemha miż-żewġ wirtijiet, huma żammew lura u opponewha f'kollox, u sadattant gawdew mit-tnikkir tagħhom stess b'mod mhux mistħoqq;

18. Mis-sentenza appellata ma jidhirx li l-Qorti fissret x'wassalha biex tefgħet il-ħlas tal-ispejjeż kollha fuq l-appellanti intimati. Huwa minnu li, sostanzjalment, l-għanijiet tal-attriċi appellata ntlaħqu kollha billi l-Ewwel Qorti llikwidat is-sehem riżervat spettanti lilha mill-wirt ta' missierha, u llikwidat ukoll is-sehem tagħha mill-wirt ta' ommha. Hemm ukoll iċ-ċirkostanza li l-Ewwel Qorti ma laqgħetx it-talbiet attriċi kollha u ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti, minbarra l-fatt li, sa dakinhar li nfetħet

il-kawża, l-appellanti ma kinux għadhom jaqblu mal-konsistenza tal-assi tal-wirt tar-rispettivi ġenituri kif pretiżi mill-attriċi. Wieħed jista' jqis ukoll li din il-kawża nfetħet wara li l-attriċi appellata kienet fetħet kawżi oħrajn kontra ħutha u ommha dwar ġid mill-wirt tal-missier, liema kawżi ma nqatgħux favuriha, imma li żgur kellhom effett fuq in-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-konsistenza tal-assi tal-wirt tal-missier. Din il-kawża nfetħet ftit xhur wara li ntemmu dawk il-kawżi;

19. Filwaqt li ma jistax jingħad bl-ebda mod li din il-kawża nfetħet għalxejn jew b'animu ta' pika, jibqa' l-fatt li min-natura nnifisha tal-azzjoni kien hemm "rebħ u telf" minn kull waħda mill-partijiet, u għalkemm ma hemm l-ebda regola inflessibbli f'ħaġa bħal din, jixraq li ladarba s-sentenza appellata wettqet proċess ta' likwidazzjoni u kwittanzi ta' ġid minn wirt, l-ispejjeż marbuta ma' dak il-proċess jintrefgħu mill-partijiet f'ishma li jqarrbu mal-ishma mir-rispettivi wirtijiet[7]. Meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti ssib li, minħabba li mhux it-talbiet attriċi kollha ntlaqgħu (u għalhekk l-attriċi trid terfa' parti mill-ispejjeż marbuta magħhom) u minħabba li s-sehem tagħha mill-wirt ta' ommha jaqbeż in-nofs (u għalhekk l-attriċi trid terfa' aktar min-nofs tal-ispejjeż marbuta ma' dik il-likwidazzjoni), kien ikun xieraq li l-attriċi terfa' terz ($^{1}/_{3}$) mill-ispejjeż tal-kawża fl-ewwel istanza, filwaqt li l-intimati appellanti flimkien iġorru ż-żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) l-oħrajn solidalment bejniethom;

---

[7] App. Ċiv. **27.3.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġelo Żerafa et v. Michelina Azzopardi.***

20. Għalhekk, dan l-aggravju huwa tajjeb u se jintlaqa' billi l-Qorti se tipprovdi dwaru fil-parti dispożittiva tas-sentenza fejn jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż tas-sentenza appellata;

21. L-**aggravju tal-attriċi** fl-appell inċidentali tagħha jinbena fuq il-likwidazzjoni ta' xi assi – kemm fil-wirt tal-missier Edgar Bonello u kemm f'dak tal-omm Giovanna Bonello – li l-Ewwel Qorti aċċettat, imma li mbagħad, fil-kejl u l-qies tagħhom fl-aħħar, ħalliethom barra. L-attriċi tagħmilha ċara li hija ma kinitx qiegħda tikkontesta l-fatt li wħud mill-ammonti pretiżi minnha dwar il-ġid tal-ġenituri tagħha tħallew barra mill-Ewwel Qorti: imma hija qiegħda tikkontesta "l-kwantifikazzjoni ta' ċerti ammonti li anke l-ewwel Onorabbli Qorti qablet li kellhom jiffurmaw parti mill-assi ta' Giovanna Bonello u Edgar Bonello" għall-għanijiet tat-talbiet attriċi mressqin minnha. B'mod speċifiku, l-attriċi ssemmi l-iżball fil-kalkolu meħud mill-Ewwel Qorti dwar is-somma meħuda b'donazzjoni mill-intimati (Lm22,108.12) li, maqluba fi flus tal-lum, iġibu wieħed u ħamsin elf, erba' mija u tmienja u disgħin ewro, u sitt ċenteżmi (€51,498.06), u mhux €50,848.67 imsemmija mill-Ewwel Qorti. Dan jolqot ukoll l-imgħax miġmugħ fuq is-somma likwidata li l-Ewwel Qorti sabet li kellhom jibdew jgħaddu mill-4 ta' Frar, 2011 (dakinhar li nfetħet il-kawża). Minħabba li sehemha mill-wirt ta' ommha kien ta' ħamsa minn disat ishma ($^{5}/_{9}$), is-somma likwidata kellha tkun ta' tletin elf, tmien mija u

tnejn u ħamsin ewro, u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€30,852.59) u li l-imgħaxijiet imsemmija kellhom jitkejlu fuq dak l-ammont;

22. L-appellanti ma ressqu l-ebda att biex jirribattu l-imsemmi appell inċidentali u lanqas saru sottomissjonijiet dwaru mid-difensur tagħhom waqt it-trattazzjoni bil-fomm;

23. Il-Qorti tqis li l-aggravju huwa dwar "żball ta' kalkolu" u taħseb li l-liġi diġà tagħti rimedju ta' korrezzjoni b'digriet dwar ħaġa bħal din bla ma kellu għalfejn jitqajjem aggravju fl-istadju ta' appell[8]. F'kull każ, jidher li l-aggravju huwa mistħoqq għaliex mal-kalkoli matematiċi m'hemmx logħob jew argumenti. Minħabba f'hekk, din il-Qorti ssib li l-attriċi wkoll naqset milli tagħti ċ-ċifra t-tajba li messha ssemmiet. Ma huwiex kontestat li sehem l-attriċi mill-wirt ta' ommha kien ta' $^{5}/_{9}$ (li b'kejl deċimali jġibu 0.5556), u dwar dan l-intimati appellanti kienu ddikjaraw il-qbil tagħhom sa mill-bidunett tal-kawża meta ressqu r-risposta maħlufa tagħhom. Imma jekk inhu tabilħaqq minnu li l-Ewwel Qorti wettqet żball ta' kalkolu fil-konverżjoni tas-somma minn Liri Maltin għal Ewro, jidher li l-attriċi wkoll wettqet żball fil-konverżjoni tas-sehem tagħha għal dak deċimali. Is-sehem ta' $^{5}/_{9}$ fuq is-somma ta' €51,498.06 jġibu tmienja u għoxrin elf, sitt mija u għaxar ewro, u tliet ċenteżmi (€28,610.03), u mhux €30,852.59 imsemmija mill-attriċi fl-appell inċidentali tagħha. Mela l-imgħax dovut irid

[8] Art. 825(1) tal-Kap 12.

jitqies fuq dik is-somma u mhux fuq dik pretiża mill-attriċi. L-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq medda ta’ elfejn erba’ mija u tlettax-il (2,413) jum fuq is-somma korretta li messha kienet likwidata[9] jitla’ għal sittax-il elf, tliet mija u tmintax-il ewro, u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€16,318.43)[10], li xorta huwa ogħla mill-ammont kalkolat mill-Ewwel Qorti imma anqas minn dak imsemmi mill-attriċi fl-appell inċidentali tagħha;

24. Illi meta jintgħaddu s-somom fuq imsemmija u jitnaqqas il-valur tal-fond numru tlieta u ħamsin (53) Triq l-Oratorju, Bormla (meqjus li jiswa €2,655.49 u li kien qiegħed jingħata lill-attriċi *in natura*) jiġi li s-somma li l-attriċi trid tirċievi mingħand l-appellanti intimati bħala l-bilanċ ta’ sehem riżervat mill-wirt ta’ missierha u tas-sehem mill-wirt ta’ ommha jitla’ għal ħamsin elf, tmien mija u wieħed u sittin ewro, u tnejn u sittin ċenteżmu (€50,861.62). Minħabba li fil-verbal tas-smigħ tal-10 ta’ Novembru, 2022[11] saret dikjarazzjoni mill-partijiet li l-intimati appellanti ħallsu lill-attriċi s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti fl-20 ta’ Diċembru, 2017, għalhekk jekk hemm mgħax legali x’jitħallas sal-jum tal-ħlas effettiv dan għandu jimxi biss fuq dik il-parti mill-ammont issa likwidat li taqbeż is-somma mħallsa diġà;

[9] €575.90 + €1666.66 + € 28,610.32 = €30,852.88.
[10] (€30,852.88 x 0.08 x 2413)/365 = €16,318.43.
[11] Paġ. 560 tal-proċess.

25. Għalhekk, l-appell inċidentali tal-attriċi jirriżulta mistħoqq u ser jintlaqa' fil-limiti hawn imfissra;

**Decide:**

26. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' f'parti l-appell prinċipali** mressaq mill-intimati **u tilqa' wkoll l-appell inċidentali** mressaq mill-attriċi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi **tirriformaha** fir-rigward tal-ammont sħiħ likwidat favur l-attriċi kemm bħala sehem riżervat mill-wirt ta' missierha u kif ukoll fis-sehem tagħha mill-wirt ta' ommha fis-somma ta' ħamsin elf, tmien mija u wieħed u sittin ewro, u tnejn u sittin ċenteżmu (€50,861.62), u billi tordna li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jitħallsu kwantu għal sehem minn tlieta ($^{1}/_{3}$) mill-attriċi u sehem ta' tnejn minn tlieta ($^{2}/_{3}$) mill-intimati bejniethom, u **tikkonfermaha** għall-bqija, b'dan li ż-żmien ta' xahrejn mogħti fis-sentenza appellata għall-pubblikazzjoni tal-att nutarili ta' assenjazzjoni jibda miexi mil-lum; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kull parti tħallas l-**ispejjeż tagħha** f'din l-istanza.

Giannino Caruana Demajo
President

Joseph R. Micallef
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm